TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Eugenio Baldacchino

vs

Daniele Nicastro u b'digriet tas-6 ta' Mejju 2026 giet kjamata in kawza Jacqueline Cooper in rapprezentanza ta' Stonesud Malta

CCT 21/26/MS

8 ta' Lulju 2026

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrent ippreżentat fis-26 ta' Jannar 2026, li permezz tiegħu talab li dan it-Tribunal jikkundanna lil Daniele Nicastro iħallsu l-ammont ta' €2,500.00, parti mill-prezz li huwa ħallas għax-xogħlijiet u apparat relatati mal-pixxina fid-dar tiegħu, liema apparat baqa' difettuż minkejja diversi interventi, kif spjega aħjar fl-avviż tat-talba tiegħu;

Ra l-verbal tas-6 ta' Mejju fejn il-Qorti ordna li tiġi kjamata fil-kawża Jacqueline Cooper f'rappreżentanza ta' StoneSud Malta.

Ra li l-intimati, minkejja li kienu debitament notifikati, la ppreżentaw risposta u lanqas dehru meta ġew imsejħa sabiex jagħtu x-xhieda tagħhom;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

lli mill-provi prodotti jirriżulta li r-rikorrent kellu bżonn jagħmel is-sistema tal-pajpijiet għall-pixxina. Huwa fittex fuq Facebook u beda jitlob kwotazzjonijiet, fejn eventwalment

ikkuntattja lil Jacqueline Cooper, li hija s-sid ta' StoneSud Malta, inizjalment permezz ta' WhatsApp u sussegwentement iltaqa' magħha personalment.

Ir-rikorrent staqsieha jekk kinux iwettqu xogħol relatat mal-pixxini u hija wieġbet fl-affermattiv. Għalhekk mar fil-post tan-negozju tagħhom fil-Mosta, fejn hija spjegatlu li kellha persuna li tieħu ħsieb dan ix-xogħol, jiġifieri Daniele Nicastro. Wara li ddiskutew ix-xogħol meħtieġ, inħarġitlu kwotazzjoni.

Ir-rikorrent spjega li x-xogħol beda bit-tqegħid tal-pajpijiet, segwit mill-installazzjoni tal-pompi u tal-liner, u wara tlesta x-xogħol tal-madum. Sussegwentement ġiet installata s-sistema tal-pompi fil-pump room u meta bdew iħaddmu s-sistema nstab li waħda mill-problemi kienet relatata mal-kaxxa tad-distribuzzjoni elettrika ("consumer box"), li kienet żgħira wisq għall-installazzjoni.

Ir-rikorrent qal li din il-problema wasslet sabiex is-sistema ma taħdimx kif suppost. Ġab persuna oħra sabiex teżamina s-sistema, iżda minkejja diversi tentattivi biex tissewwa, din eventwalment waqfet taħdem kompletament. Aktar tard ikkonsulta ma' tekniku Sqalli li spjegalu li sabiex is-sistema tiġi rranġata kien ikun meħtieġ jitkissru l-irħam, jinkixfu l-pajpijiet u tinbidel is-sistema kollha, xi ħaġa li r-rikorrent ma xtaqx jagħmel.

Huwa kompla jixhed li inizjalment kienet ġiet ikkwotata heat pump akbar, iżda aktar tard qalulu li, minħabba nuqqas ta' spazju fil-pump room, kienet ser tiġi installata waħda iżgħar, minkejja li din ma kinitx tikkorrispondi ma' dak li kien ġie miftiehem.

Ir-rikorrent qal li b'kollox ħallas madwar ħdax-il elf ewro u li qed jitlob kumpens fl-ammont ta' €2,500.00.

Huwa żied jgħid li kienet Jacqueline Cooper stess li indikatlu sabiex jinnotifika lil Daniele Nicastro fl-indirizz ta' Birżebbuġa, peress li dak kien l-indirizz fejn Nicastro kien irreġistrat għall-finijiet tal-VAT, u li huwa wkoll l-istess indirizz ta' residenza tagħha. Hija stess aċċettat in-notifika.

Ikkunsidra

Illi l-intimati, minkejja li kienu debitament notifikati, naqsu milli jippreżentaw risposta jew jidhru sabiex jikkontestaw it-talba. Madankollu, dan waħdu ma jeżentax lir-rikorrent mill-oneru li jipprova l-elementi essenzjali tat-talba tiegħu. In-nuqqas ta' kontestazzjoni ma jwassalx awtomatikament sabiex it-talba tintlaqa', iżda jibqa' d-dover tat-Tribunal li jevalwa jekk il-provi prodotti humiex biżżejjed sabiex jissodisfaw il-livell ta' prova meħtieġ fil-kamp ċivili.

F'dan il-każ, ir-rikorrent sostna li ħallas ammont sostanzjali għax-xogħlijiet u għall-apparat installat, kif ukoll li dawn kienu affettwati b'difetti li baqgħu ma ġewx rimedjati. Apparti x-xhieda tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta żewġ fatturi separati: waħda datata l-1 ta' Novembru 2022 fl-ammont ta' €2,596.00 u oħra datata t-13 ta' Ġunju 2023 fl-ammont ta' €2,950.00, it-tnejn maħruġa f'isem Daniele Nicastro, 83, "Del Monte 2", Triq F.M. Ferretti, Birżebbuġa, bin-numru tal-VAT 27582231.

Ġiet ippreżentata wkoll irċevuta li fiha hemm miktub dan li ġej:

"Il sottoscritto Daniele Nicastro riceve la somma a saldo €1300 (pagamento finale) – lavori per la piscina – 22/04/2024."

It-Tribunal ma jsib ebda raġuni sabiex jiddubita mis-sinċerità tar-rikorrent. Apparti l-fatt li ħadd mill-intimati ma ressaq xi evidenza li tikkontradixxi l-verżjoni tiegħu, ix-xhieda tar-rikorrent kienet kredibbli u sostnuta mid-dokumenti prodotti.

Madankollu, it-Tribunal jinnota li l-fatturi kollha ġew maħruġa f'isem Daniele Nicastro fil-kapaċità personali tiegħu u ma kien hemm ebda indikazzjoni li dawn kienu nħarġu minn StoneSud Malta jew minn Jacqueline Cooper.

It-Tribunal jinnota wkoll li, fl-avviż tat-talba, ir-rikorrent qasam l-ammont reklamat kif ġej: €1,000.00 relatati mas-sistema tal-hydromassage li baqgħet difettuża, €1,000.00 relatati mal-heat pump li ma kinitx ta' kapaċità suffiċjenti, u €500.00 oħra relatati mad-danni u l-ispejjeż li ġarrab, għal total ta' €2,500.00.

Fir-rigward tan-notifika tal-intimat Daniele Nicastro, it-Tribunal jikkonstata li din saret fl-indirizz li fih kien irreġistrat għall-finijiet tal-VAT u li ġiet debitament aċċettata f'dak l-indirizz. Għaldaqstant, it-Tribunal iqis li n-notifika kienet valida u regolari.

Wara li kkunsidra l-Artikolu 12.01 tas-S.L. 378.01 u evalwa l-provi kollha prodotti, it-Tribunal huwa sodisfatt li r-rikorrent ipprova l-istanza tiegħu fil-konfront ta' Daniele Nicastro.

Min-naħa l-oħra, ma ġiet prodotta ebda prova li turi li Jacqueline Cooper assumiet responsabbiltà personali jew li kienet parti. Il-fatt li hija introduċiet lir-rikorrent ma' Daniele Nicastro jew li aċċettat in-notifika ma huwiex biżżejjed sabiex tiġi stabbilita responsabbiltà personali fil-konfront tagħha.

Għal dawn il-motivi

It-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi:

Jilqa' t-talba tar-rikorrent fil-konfront ta' Daniele Nicastro u jikkundannah iħallas lir-rikorrent is-somma ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500.00);
Jiddikjara li Daniele Nicastro għandu d-dritt li jieħu lura l-heat pump mertu ta' din il-kawża, wara li jsir il-ħlas dovut;
Jillibera lil Jacqueline Cooper mill-osservanza tal-ġudizzju;
Jikkundanna lil Daniele Nicastro għall-ispejjeż tal-kawża.

**Dr Michela Spiteri, LL.D.**

**Arbitru**